# L-Inkjesta dwar il-waqgħa tal-koppla tal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat, Malta, fl-1924

**Dr Albert Ganado**

Nhar it-18 ta' Settembru 1923, il-Gżejjer Maltin intlaqtu minn xokk ta' terremot li għamel ħsara lill-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat billi kkawża diversi konsenturi fiż-żewġ koppli, fit-tambur tal-koppla u fil-lunetti (pendenti) ta' taħt il-koppla.

L-arkitetti li ġew konsultati biex jirrimedjaw il-ħsara qablu fuq il-ħtieġa li jiċċirkondaw il-bażi tal-koppla ta' barra bi ċrieki tal-ħadid ħalli b'hekk ikun jista' jibda r-restawr. Dawn kellhom jiġu ordnati minn barra minn Malta billi ma setgħux jinstabu fi gżiritna u b'hekk ix-xogħol ma setax jibda qabel Ġunju 1924. Dawn iċ-ċrieki tal-ħadid tpoġġew, bdew ukoll it-tiswijiet tal-konsenturi u x-xogħol issokta isir b'mod regolari sas-Sibt filgħaxija tad-29 ta' Novembru 1924. Xi sigħat wara, għal ħabta ta' nofsillejl, il-koppla ġġarrfet.

Għalkemm ma weġġa' ħadd, din id-disgrazzja sfortunat qajmet tħassib u biża' kbir. Mal-ewwel opportunità, meta l-Assemblea Leġislattiva ltaqgħet nhar it-Tnejn, l-ewwel ta' Diċembru, Dr Giuseppe de Giorgio, li kien jirrappreżenta d-distrett tar-Rabat, qajjem din il-materja fil-Kamra. Huwa talab is-sospensjoni tar-regolamenti biex iressaq mozzjoni ta'









Il-tliet disinji li saru għat-tieni koppla, pubblikati għall-ewwel darba. Ħajr għall-pjanti: Kenneth Chetcuti



Parti miċ-ċrieki tal-ħadid li ċċirkondaw il-bażi tal-ewwel koppla minbarra. Mużew Wignacourt

importanza pubblika billi l-waqgħa tal-koppla ta' din il-knisja għamlet ħsara kbira mhux biss lill-knisja iżda wkoll lill-pittura prezzjuża ta' Stefano Erardi. Barra minn hekk, huwa faħħar lill-Kappillan, Dun Nerik Bonnici, għall-ħidma tiegħu u semma b'tifħir il-kuraġġ ta' Dun Robert Calleja li ssogra ħajtu biex isalva l-pissidi kkonsagrat fid-dlam tal-lejl mingħajr id-dawl ta' ebda xemgħa. Talab lill-Gvern biex lill-poplu tar-Rabat jagħtih kull assistenza teknika u finanzjarja meħtieġa. L-għemil erojku ta' Fr Calleja ġie wkoll imfaħħar minn diversi senaturi fil-laqgħa tas-Senat li saret fit-3 ta' Diċembru 1924.

Membri oħra, fosthom Lord Strickland u Edwin A. Vassallo ingħaqdu fid-diskussjoni u saħħew l-appell ta' Dr De Giorgio għal għajnuna finanzjarja. Il-Ministru tal-Ġustizzja l-Prof. Carlo Mallia informa lill-Kamra li l-Gvern kien diġà ddeċieda li jgħin bil-finanzi lill-poplu tar-Rabat. Huwa faħħar l-att erojku ta' Fr Calleja, u bħalu għamel ukoll Antonio Dalli. Huwa qara wkoll ir-rapport tal-Pulizija magħmul minn A. H. Borg Cardona, is-supretendent tad-Distrett C, li stqarr li s-saqaf tal-knisja kien ċeda minn erba' naħat bit-toqol tal-materjal li waqa' mill-koppli, u li anke l-paviment ta' taħt il-koppla kien ċeda wkoll.

Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru, Dr Ugo Mifsud, Kap tal-Ministeru u Ministru tat-Teżor, ressaq talba li l-Gvern jiġi awtorizzat li jagħmel għotja proviżorja ta' elf lira bħala għajnuna lill-parroċċa tar-Rabat sakemm tkun tista' tiġi stabbilità d-dimensjoni sħiħa tal-ħsara. Din il-mozzjoni twaqqfet fuq punt ta' proċedura mqajjem minn Lord Strickland iżda għaddiet fis-seduta ta' wara, fit-9 ta' Diċembru.







L-ewwel, it-tieni u t-tielet koppla.

Sadattant, il-Kummissjoni tal-Inkjesta mħabbra fid-dibattitu tal-4 ta' Diċembru twaqqfet fil-5 ta' Diċembru biex tinvestiga u tirrelata fuq il-waqgħa tal-koppla. Il-kummissjoni kienet komposta minn tlett arkitetti; dawn kienu Frederick C. Bonavia, Oliviero Borg Olivier, u Francesco Maria Caruana taħt iċ-*chairmanship* tal-Maġistrat Dr Roberto Federico Ganado. Il-Kummissjoni ressqet ir-rapport tagħha fl-24 ta' Marzu 1925. Dan ġie mqiegħed fuq il-mejda tal-Assemblea Leġislattiva fis-17 ta' Lulju 1925.

Qed ngħaddi lill-Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat din ir-relazzjoni minn kopja ttajpjata miżmuma fl-arkivju tal-papa tiegħi, l-Imħallef Roberto Federico Ganado li miet ir-Rabat fit-23 ta' Frar 1948.

Nota: Din il-kopja tista' tiġi konsultata fil-librerija tal-Mużew Wignacourt

***Biblijografija:***

1. *Debates tal-Assemblea Leġislattiva, Vol. 9, pp. 1711, 1765, 1833; Vol. 10 pp. 2854, 3092, 3262, 3516; Vol. 10 pp. 11 p. 3641*
2. *Arkivju Privat Dr Albert Ganado*




**Dun Robert Calleja**



**L-Imħallef Dr Roberto Federico Ganado (1875 - 1948)**